MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Rikors Ta Revoka Numru. 100/2012

**Josette Gatesy f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha Alexander**

**vs**

**Andy Imre Gatesy bin il-mejjet Zoltan u Suzie nee` Lorant, imwieled l-Ingilterra, numru tal-passaport Ingliz 740161592**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Andy Gatesy fuq indikat datat il-11 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu, ippremetta s-segwenti:

1. Illi fis-6 t'April, 2006, Josette Gatesy otteniet il-mandat t'inibizzjoni fuq riferit;

2. Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti odjern kien inibit milli jiddisponi taht kwalsiasi titolu – reali jew personali – kif dettaljatament indikat fl-istess rikors tieghu fuq riferit, mill-fondi hemm indikati sitwati fi Triq il-Pluvieri, San Gwann;

3. Illi fost proprjetajiet ohra hemm kolpiti s-segwenti:

a. Garaxx 15A, Triq il-Pluvieri, Mensija, limiti ta' San Gwann;

b. "*Maisonette*" fl-ewwel sular numru 19, Triq il-Pluvieri, San Gwann, bil-"*basement*" ta' zewg (2) karozzi u ta' karozza;

c. "*Maisonette*" numru 23, "ZAG", Triq il-Pluvieri, San Gwann, fl-"*elevated ground floor*" b' "*semi-basement*" ghal garaxxjar ta' zewg (2) karozzi;

4. Illi l-proprjeta` ndikata fil-paragrafu precedenti hi parti mill-proprjeta` parafernali tar-rikorrenti fuq indikat u ghaddiet ghandu b'wirt mill-genituri "**taghhom**" u b'donazzjoni;

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jsostni li l-intimata m'ghandha l-ebda jedd jew pretensjoni valida fuq l-imsemmija proprjeta`;

6. Illi konsegwentement ir-rikorrenti qed jitlob li jinhareg l-opportun kontro-mandat limitatament ghall-proprjeta` partikolari fuq indikata;

7. Illi *di piu`*, ghal dak li jirrigwarda l-garaxx 15A, Triq il-Pluvieri, Mensija, limiti ta' San Gwann, jigi ribadit li dan jappartjeni wkoll lil hu r-rikorrenti b'mod indiviz u hu sottopost ghal konvenju datat it-30 ta' Jannar, 2002, kif estiz, u kemm -il darba l-bejgh postulat ma javverax ruhu, ir-rikorrenti u huh isofru danni sostanzjali;

8. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghed jitlob li jinhareg l-opportun kontro-mandat limitatament ghall-proprjeta` fuq gia` ndikata;

Rat ir-risposta tal-intimata odjerna Josette Gatesy datata t-22 ta' Novembru, 2012, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi r-ragunijiet esposti mir-rikorrenti biex jinhareg il-kontro-mandat mitlub ma japplikawx ghat-talba tal-istess rikorrenti;

2. Illi l-iskop wara l-hrug ta' mandat t'inibizzjoni hu precizament li l-gid tar-rikorrenti li jitolbu ma jigix pregudikat irrimedjabbilment billi ma jispiccax fil-pozizzjoni eventwali li ma jsibx gid fuq xiex jezegwixxi l-eventwali kreditu li jista' jigi kkanonizzat favur tieghu;

3. Illi l-konvenju riferit mill-istess rikorrenti hu ghal kollox estraneu ghall-vertenza u effettivament jezisti rimedju *ad hoc* ghall-istess;

4. Illi mandat jigi biss revokat ghal xi wahda mir-ragunijiet esposti fl-artiklu 836 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta – u xejn aktar;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 836 (1) tal-Kap 12 fuq citat sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

1. Illi fil-kaz odjern persuna kolpita b'att kawtelatorju tista' taderixxi l-qorti li tkun harget l-istess att biex jitlob li dan l-istess att kawtelatorju jigi revokat – anke parzjalment;

2. Illi r-ragunijiet li jiggustifikaw tali revoka totali jew parzjali huma is-segwenti:

a. L-att *de quo* m'ghadux jezisti;

b. Xi wahda mill-htigijiet legali biex jinhareg l-att in dizamina m'ghadhiex tezisti;

c. Tezisti xi garanzija ohra li tissodisfa u tipprotegi l-pretensjoni in dizamina;

d. L-ammont mitlub mir-rikorrenti principali mhux *prima facie* gustifikat;

e. Tinghata garanzija rikonoxxuta bhala sufficjenti mill-qorti;

f. Il-mandat ma jibqax ragonevoli jew mehtieg;

Ikkunsidrat:

Illi sintetikament ir-ragunijiet esposti mir-rikorrenti odjern biex fuqhom jankra t-talba tieghu ghall-hrug tal-kontro-mandat *de quo* huma s-segwenti:

i. Illi l-proprjeta` minnu ndikata fir-rikors in dizamina ghaddiet ghandu b'wirt u allura hi ta' natura parafernali;

ii. Illi ghal dak li jirrigwarda l-garaxx bin-numru 15A, Triq il-Pluvieri, Mensija limiti ta' San Gwann, dan mhux biss jappartjeni wkoll lil huh f'komproprjeta` mieghu, izda hu wkoll suggett ghall-konvenju antecedenti ghas-saga matrimonjali li taghti origini anke ghall-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li z-zewg ragunijiet migjuba mir-rikorrenti odjern in sostenn tat-talba tieghu m'humiex riskontrati fl-artikolu 836 tal-Kap 12 fuq riferit;

Illi in effetti, tenut kont tal-fatt li l-imsemmi artikolu tal-Kap 12 hu wiehed ta' natura esklussiva u konsegwentement, huma l-kazijiet specifici hemm indikati li jistghu jaghtu lok ghall-kontro-mandat mitlub – u xejn aktar;

Illi ghalhekk, stante li r-ragunijiet esposti mir-rikorrenti odjern ma jiffigurawx fl-imsemmi artikolu specifiku, allura din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tiddesisti milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura u konsegwentement, in vista tal-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti odjern m'humiex suffragati statutorjament b'mod specifiku, tichad it-talbiet tal-istess rikorrenti Andy Imre Gatesy, bl-ispejjez.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------